Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,373, 10 ta' Jannar, 2025
Taqsima B

A.L. 4 tal-2025

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 549.123.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "persuna" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "qasrija" tinkuldi kwalunkwe reċipjent jew kontenitur;".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "kwalunkwe eżemplari elenkata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kwalunkwe eżemplari ta' speċi elenkata".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "qrib kwalunkwe siġra protetta jew kwalunkwe żona protetta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "qrib kwalunkwe siġra protetta jew fi kwalunkwe żona protetta".

Jissostitwixxi t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IT-TIENI SKEDA (Regolamenti 3, 9, 10, 11 u 12)

SPEĊI INVASIVI, ALJENI JEW INKOMPATIBBLI MAL-AMBJENT

L-ispeċi elenkati hawn taħt għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 9, iżda siġar li jappartjenu lil dawk l-ispeċi mmarkati bis-sinjal (†) għandhom ikunu protetti fl-

ispazji miftuħa pubbliċi u urbani.

ISEM XJENTIFIKU	ISEM BIL-MALTI	ISEM BL-INGLIŻ
Acacia spp.	L-Akaċja kollha	All Acacia and Wattle trees
Ailanthus altissima [= *Ailanthus glandulosa*]	Ix-Xumakk; Ix-Xumakk Falz	Tree-of-Heaven; False Sumach; Japanese Varnish Tree
Casuarina spp.	Il-Każwarina kollha	All Australian Pine Tree and Sheoaks
Eucalyptus spp. †	L-Ewkaliptus inkluż is-Siġar tal-Gamiem kollha†	All Eucalypt Trees, including Gum Trees and Tuarts †
Leucaena leucocephala [= *Acacia leucocephala*; *Albizzia lebbek* auct. fl. Melit.]	L-Albizzja; Il-Gażżija l-Bajda	Lead Tree; White Popinac; Cow Tamarind
Nicotiana glauca	It-Tabakk tas-Swar; Is-Siġra tat-Tabakk; It-Tabakk l-Isfar	Tree Tobacco; Mustard Tree
Pittosporum tobira	Il-Pittosporum	Shrubby Putterlick; Japanese Mock Orange
Ricinus communis	Ir-Riġnu; Il-Ħarwija	Castor Oil Tree
Schinus terebinthifolius	Is-Siġra tal-Bżar; Il-Bżar Falz	Brazilian Pepper
Vachellia karroo [= *Acacia karroo*; = *Acacia horrida* auct. fl. Melit.]	Il-Gażżija tax-Xewk; Ix-Xewk ta' Kristu; L-Akaċja tax-Xewk	Karroo Thorn; Sweet Thorn".